## Il-Ħadd, 24 ta' Mejju 2020

Il-ħdax-il dixxiplu
telqu lejn il-Galilija
u marru fuq il-muntanja
fejn kien ordnalhom Ġesù.
Kif rawh, inxteħtu quddiemu,
għalkemm xi wħud iddubitaw.
Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom:
"Lili ngħatat kull setgħa
fis-sema u fl-art.
Morru, mela, agħmlu dixxipli
mill-ġnus kollha, u għammduhom
fl-isem tal-Missier
u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu,
u għallmuhom iħarsu
dak kollu li ordnajtilkom jien.
U ara, jiena magħkom dejjem,
sal-aħħar taż-żmien."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 28, versi 16-20***

89

"Waqt li jagħti bidu għal għamla
oħra tal-preżenza ta' Ġesù fostna,
it-Tlugħ fis-Sema jitlob minna
li nkunu b'għajnejna u qlubna
miftuħin biex naqduh u nagħtu
xhieda tiegħu mal-oħrajn. Ifisser
li nkunu rġiel u nisa tat-Tlugħ
fis-Sema, jiġifieri nies li jfittxu lil
Kristu tul il-mogħdijiet ta' żmienna,
u nwasslu l-Kelma tiegħu
ta' salvazzjoni sat-truf tal-art ...
Kif fil-bidu, Kristu Rxoxt bagħat
lill-appostli tiegħu bl-istess qawwa
biex inisslu sinjali konkreti ta' tama,
l-istess għadu jagħmel illum."

PAPA FRANĠISKU,
*Regina Coeli,* 13 Mejju 2018

*Il-ħarsa tiegħi*
*hija ħarsa*
*lejn is-sema?*

*Il-ħarsa tiegħi*
*hija wkoll*
*ħarsa lejn l-art?*

# Sinjali ta' tama

Mulej,
Inti dejjem tħeġġiġna nerfgħu ħarsitna
lejn is-sema,
imma biex mill-ewwel indawruha lejn l-art:
bis-saħħa tal-Magħmudija li rċevejna
u bl-Ispirtu s-Santu
bħala l-bastun tagħna,
Inti ssejħilna biex infittxuk fin-nies
- l-aktar f'dawk f'xi bżonn -
u, armati bik u bil-Kelma tiegħek,
noffrulhom sinjali konkreti ta' tama,
ġesti li lilhom jerfgħuhom 'il fuq.
Tħallina qatt nirtiraw
minn din is-sejħa
li Inti ma tehda qatt tagħmlilna ,
akkost li niżżarmaw aħna!

## It-Tnejn, 25 ta' Mejju 2020

Id-dixxipli qalu lil Ġesù: "Ara,
issa qiegħed titkellem bil-miftuħ,
u ebda tixbiha ma inti tgħid.
Issa nafu li int taf kollox, u ma
għandekx bżonn li wieħed jistaqsik.
Għalhekk aħna nemmnu
li inti ħriġt mingħand Alla."
Weġibhom Ġesù: "Temmnu issa?
Ara, għad tiġi siegħa, u ġa waslet,
meta tixterdu kull wieħed lejn
daru, u lili tħalluni waħdi.
Iżda waħdi m'iniex,
għax il-Missier huwa miegħi.
Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom
ħalli bija jkollkom is-sliem.
Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda
agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!"

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 16, versi 29-33***

**90**

"Il-qawmien ta' Kristu mhux ħaġa
tal-imgħoddi; fih hemm qawwa ta'
ħajja li daħlet u xterdet mad-dinja.
Fejn donnu kollox mejjet, jerġgħu
jispuntaw minn kullimkien
ir-rimjiet tal-qawmien ...
Il-qawmien ta' Kristu jqabbad ma'
kullimkien l-għeruq ta' din id-dinja
ġdida; u anki jekk jinqatgħu,
jerġgħu jixirfu, għax Ġesù
ma qamx għalxejn mill-imwiet ...
Il-fidi tfisser nemmnu li
Hu għadu miexi rebbieħ fl-istorja
flimkien ma' 'dawk li huma
msejħin u magħżulin u fidili'."

PAPA FRANĠISKU, *Evangelii Gaudium*,
nru 276 u nru 278, 24 Novembru 2013

*Nemmen jien li l-Qawmien ta' Kristu mhux xi ħaġa tal-imgħoddi?*

*X'sinjali nara fid-dinja tal-Qawmien tal-Mulej?*

# Rimjiet li jispuntaw

Min jemmen fik, Mulej,
id-dlam jarah,
imma bis-saħħa tal-Qawmien tiegħek
jara wkoll id-dawl jispunta minnu!
Min jemmen fik, Mulej,
il-ħażen imissu b'idejh,
imma bis-saħħa tal-Qawmien tiegħek
imiss b'idejh wkoll it-tajjeb ħiereġ minnu!
Min jemmen fik, Mulej,
id-dgħufijiet tiegħu u tal-bnedmin jarahom,
imma bis-saħħa tal-Qawmien tiegħek
jara wkoll il-qawwa u l-kreattività tiegħek
ħerġin minnhom!
Agħmilni bniedem ta' fidi u ta' tama, Mulej,
bniedem ta' fidi u ta' tama fil-Qawmien tiegħek
li jinfiltra bit-tiġdid kull rokna tad-dinja.

## It-Tlieta, 26 ta' Mejju 2020

Ġesù rafa' għajnejh lejn is-sema
u qal: "Missier, waslet is-siegħa;
agħti glorja lil Ibnek
biex l-Iben jagħti glorja lilek,
bħalma int tajtu s-setgħa
fuq kull bniedem
biex jagħti l-ħajja ta' dejjem
lil dawk kollha li inti fdajtlu ...
Jiena għalihom nitlob;
ma nitlobx għad-dinja,
imma għal dawk li inti tajtni,
għaliex huma tiegħek, u dak kollu
li hu tiegħi huwa tiegħek,
u dak li hu tiegħek huwa tiegħi, u
jien igglorifikat permezz tagħhom.
U jien ma għadnix aktar fid-dinja,
iżda huma għadhom fid-dinja."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 17, versi 1-2. 9-11a***



"Il-Vanġelu jippreżentalna lil Ġesù fi djalogu mal-Missier, iqegħidna fil-qalba tal-intimità bejn il-Missier u l-Iben li ssir talba. Meta toqrob is-siegħa tiegħu, Ġesù jitlob lill-Missier għad-dixxipli ... Hu jaf tajjeb il-qalb ta' dawk li huma tiegħu, jaf tajjeb il-qalb tagħna ... Għalhekk Ġesù jitlob, jitlob li d-diqa u l-iżolament ma jirbħux lil qalbna ... Ġesù jitlob u jistedinna nitolbu għax jaf li hemm ħwejjeġ li nistgħu nirċievu biss bħala don, ħwejjeġ li nistgħu ngħixu biss bħala rigal."

PAPA FRANĠISKU,
*Omelija*, Ċelebrazzjoni tal-Għasar,
Vjaġġ Appostoliku fil-Kuba, 20 Settembru 2015

*Kif inħares*
*lejn il-fatt*
*li Kristu*
*jidħol għalija*
*quddiem Alla?*

*Ningħaqad*
*miegħu*
*fit-talb*
*lill-Missier?*

# Fil-qalba

Aħna min aħna, Mulej,
aħna għeżież ħafna għalik,
u Inti lilna ġġorna ġo fik kull fejn tkun,
l-aktar meta tkun għarkupptejk
quddiem il-Missier.
Inti ma tistax ma ssemminiex
fil-konverżazzjoni tiegħek miegħU;
Inti ma tistax ma titkellimx
dwar l-istejjer kollha tagħna
meta tidħol fil-preżenza Tiegħu;
Inti ma tistax ma tgħidlux
biex ikun Hu li jinfurzana
meta Inti tkun mitluf fiH fit-talb.
Ibqa' ġorna, Mulej:
m'hemm xejn li hu tagħna
li Inti ma tiflaħx tagħmlu tiegħek.

## L-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2020

Ġesù rafa' għajnejh lejn is-sema
u qal:
"Missier qaddis,
ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni,
biex ikunu ħaġa waħda bħalna.
Kemm domt magħhom,
jiena ħaristhom fl-isem tiegħek,
l-isem li tajtni.
U jiena ħadt ħsiebhom,
u ħadd minnhom ma ntilef
ħlief bin it-telfien,
biex isseħħ l-Iskrittura.
Imma issa jiena ġej għandek,
u qiegħed ngħid dan,
kif għadni fid-dinja,
biex huma jkollhom fihom
il-ferħ sħiħ tiegħi."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,
kapitlu 17, versi 11b-13***

# 92

"Il-ferħ tal-Vanġelu
jimla l-qalb
u l-ħajja kollha
ta' dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù.
Dawk li jħallu lilU
jsalvahom,
jinħelsu mid-dnub,
min-niket,
mill-vojt ġewwieni,
mill-iżolament.
Ma' Ġesù Kristu
dejjem jitwieled
u jerġa' jitwieled mill-ġdid
il-ferħ."

PAPA FRANĠISKU,
*Evangelii Gaudium*, nru 1,
24 Novembru 2013

# Ferħ sħiħ

*Nemmen*
*li l-Vanġelu*
*huwa l-għajn*
*tal-ferħ veru?*

*Kemm*
*qiegħed nixrob*
*minn*
*din l-għajn?*

Kemm toħlom bil-kbir fuqna, Mulej!
Inti għalina għandek aspirazzjoni kbira ħafna,
aspirazzjoni li għandha x'taqsam
ma' dak li huwa l-qofol tal-ħajja tagħna:
li nkunu ferħanin.
Imma mhux biss!
Inti tridna nimtlew
bl-istess ferħ sħiħ li għandek Inti!
Agħtina l-grazzja li l-Vanġelu tiegħek
nippermettulu li jgħaddilna ftit ftit il-ferħ veru.
Agħtina l-grazzja
li niltaqgħu miegħek kuljum u bis-serjetà.
Agħtina l-grazzja
li l-ħin kollu nħallu lilek issalvana
minn dak kollu li jxekkilna milli jkollna l-ferħ
u l-ferħ sħiħ tiegħek.

## Il-Ħamis, 28 ta' Mejju 2020

Ġesù rafa' għajnejh lejn is-sema
talab u qal: "M'iniex nitlob
għal dawn biss, imma wkoll
għal dawk li għad jemmnu fija
bis-saħħa tal-kelma tagħhom;
nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda.
Kif inti fija, Missier, u jiena fik,
ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda
fina, biex hekk id-dinja temmen li
inti bgħattni. Il-glorja li int tajt lili
jiena tajtha lilhom,
biex ikunu ħaġa waħda
bħalma aħna ħaġa waħda:
jiena fihom u inti fija,
biex isiru ħaġa waħda għalkollox,
ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni
u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 17, versi 20-23***



"Nafu tajjeb kemm hu għal qalb
Ġesù li d-dixxipli tiegħu jibqgħu
magħqudin fi mħabbtu ...
Din l-għaqda diġà kienet mhedda
meta Ġesù kien għadu
mad-dixxipli tiegħu: fil-fatt,
fil-Vanġelu naqraw kif l-Appostli
kienu jitħaddtu bejniethom
fuq min kien l-akbar fosthom.
Imma l-Mulej jinsisti ħafna
fuq l-għaqda f'isem il-Missier,
u jurina li t-tħabbira u x-xhieda
tagħna jkunu wisq iżjed kredibbli
jekk aħna nkunu kapaċi ngħixu
f'komunjoni u f'imħabba bejnietna."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali*, 8 Ottubru 2014

# 'Il fuq mid-differenzi

*X'hemm f'ħajti*
*li jxekkel*
*l-għaqda?*

*X'azzjoni*
*nista' nieħu*
*biex*
*ma nxekkilhiex?*

L-għaqda li hemm bejnek, Mulej,
u bejn il-Missier,
Inti tridha tkun il-qawwa
li tinfiltra r-relazzjonijiet
li jkollhom bejniethom dawk li jemmnu fik.
Din mhijiex xi qawwa li ġġib fix-xejn
opinjonijiet diversi,
stili diversi,
kariżmi diversi;
din mhijiex xi qawwa
li trid toqtol il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.
Imma hija l-qawwa tal-imħabba
li lil dawk li jemmnu fik
- jekk iħalluha -
terfagħhom 'il fuq minn kull differenza,
tkun xi tkun.

## Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2020

Ġesù deher lid-dixxipli tiegħu. Wara li kielu xi ħaġa, Ġesù qal lil Xmun Pietru: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?" Wieġbu: "Iva, Mulej, int taf li nħobbok." Qallu: "Irgħa l-ħrief tiegħi." Staqsieh għat-tieni darba: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int?" Wieġbu: "Iva, Mulej, int taf li nħobbok." Qallu: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi." Għat-tielet darba staqsieh: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni?" Pietru ħass għafsa ta' qalb għax staqsieh għat-tielet darba, "Tħobbni?" U qallu: "Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok." Qallu Ġesù: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 21, versi 15-17***



"Pietru jikseb lura l-fiduċja tiegħu meta Ġesù għal tliet darbiet jgħidlu: 'Irgħa n-nagħaġ tiegħi.' U fl-istess waqt hu, Xmun, jistqarr għal tliet darbiet imħabbtu għal Ġesù, u hekk jagħmel tajjeb għat-tliet ċaħdiet li jseħħu fil-Passjoni. Pietru għadu jħoss taqbad ġo fih il-ġerħa ta' dik id-delużjoni li ta lill-Imgħallem fil-lejl tat-tradiment. Issa li Hu jistaqsih: 'Tħobbni int?', Pietru ma jafdax iżjed fih innifsu u fil-qawwa personali tiegħu, imma f'Ġesù u fil-ħniena tiegħu. U hawn jgħibu l-biża', id-dubju, u l-qtigħ il-qalb."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija,* 29 Ġunju 2014

*Il-fedeltà ta' Alla lejja nħalliha tidħol ġo qalbi?*

*Inlaqqa' din il-fedeltà mal-infedeltajiet tiegħi?*

# Li tħalli f'idejH

Mulej,
Pietru jagħmel l-esperjenza sabiħa
ta' kemm il-fedeltà tiegħek
hija akbar mill-infedeltajiet
u miċ-ċaħdiet tiegħu.
Jinduna li meta jagħmel il-ħila
biex iħalli f'idejk
- Inti li taf kollox -
jgħibu minnu l-biżgħat tiegħu,
id-dubji tiegħu,
il-qtigħ il-qalb tiegħu;
jinduna kemm il-fedeltà Tiegħek
tieħdu lil hemm
minn kull immaġinazzjoni umana.
Agħmel li jien, bl-infedeltajiet kollha tiegħi,
bħal Pietru nintelaq f'idejk.

## Is-Sibt, 30 ta' Mejju 2020

Pietru dar,
u ra lid-dixxiplu
li kien iħobb Ġesù
miexi warajhom,
dak id-dixxiplu
li waqt l-ikla
kien imtedd fuq sider Ġesù
u qallu:
"Mulej, min hu li se jittradik?"
Pietru, mela, kif ra lil dan,
qal lil Ġesù:
"U dan, Mulej,
x'se jsir minnu?"
Ġesù qallu:
"Inti x'inhi affarik
jekk jiena rridu jibqa' sa ma niġi?
Int imxi warajja!"

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 21, versi 20-22***

# 95

"Li nimxu wara Ġesù tfisser li nerfgħu salibna - li lkoll għandna - biex nakkumpanjawH fil-mixja tiegħu, mixja skomda li mhix dik tas-suċċess, tal-glorja li tgħaddi, imma dik li tieħu lejn il-libertà vera, dik li teħlisna mill-egoiżmu u mid-dnub. Ifisser li nirrifjutaw darba għal dejjem il-mentalità tad-dinja li tqiegħed 'il-jien' u l-interessi personali fiċ-ċentru tal-eżistenza: dan mhux dak li jrid minna Ġesù! Hu jistedinna nitilfu ħajjitna għaliH, għall-Evanġelju, biex tintraddilna lura mġedda, imwettqa u awtentika."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 13 Settembru 2015

# L-essenzjal

*Fil-ħajja nisranija, infittex jien l-essenzjal?*

*L-essenzjal inżommu dejjem quddiemi?*

Mulej, fil-ħajja tiegħi
Inti ma tridnix nintilef fuq mistoqsijiet
li ħafna drabi ma jirriflettux ħlief kurżità.
Inti tridni niffoka dejjem
fuq dak li hu l-essenzjal.
U għalhekk,
bħalma tgħid lil Pietru,
Inti kemm-il darba tappellali:
"Int imxi warajja."
Inti kemm-il darba tgħidli:
'Il-mixja tiegħek warajja
għixha b'impenn';
Inti kemm-il darba titkarrabli:
'Ara li tikber bħala dixxiplu tiegħi'.
Tħallix, Mulej, li dan kliemek
jaqa' fuq widnejn torox!